**7 ta' Marzu, 1996**

**Imħallfin:-**

**Onor. Albert Manche` LL.D. - A/President**
**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**
**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Mark Causon

*versus*

Carmel Portelli *noe et*

## Ritrattazzjoni - Rimedju Straordinarju

*Il-ġurisprudenza tagħna kostantement irritenjet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga għall-prinċipju fondamentali li l-ġudikat jikkostitwixxi liġi bejn il-kontendenti u dan indipendtement mill-fatt jekk dak il-ġudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-ġustizzja.*

*Il-ġuristi Rumani kienu jesprimu dan il-kunċett bil-massima* res judicata pro veritate habetur.

*Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taħt il-pretest ta'*

*ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerġa' jiftaħ il-kawża u hekk, indirettament joħloq għalih tribunal tat-tielet istanza, ħaġa li mhix permessa bil-liġi.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' Mark Causon li bih espona:

"Illi permezz taċ-ċitazzjoni fl-ismijiet premessi l-appellant ippremetta s-segwenti:

Illi l-esponent validament xeħet in-nomina tiegħu mal-konvenut bħala kandidat għall-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke li ser jinżammu fid-9 ta' Marzu, 1996;

Illi fis-6 ta' Frar, 1996 saret opposizzjoni għan-nomina ta' l-esponent minn Dr. Victor Scerri LL.D., u dan *ai termini* ta' l-artikolu 22 (3) ta' l-Att XV ta' l-1993;

Illi fl-14 ta' Frar, 1996 l-esponent irċeva notifika mill-Kummissjoni Elettorali kif rappreżentata f'din il-kawża li nfurmat lill-esponent li l-opposizzjoni fuq imsemmija ġiet milqugħa għar-raġunijiet hemm imsemmija (ara dokument MC1);

Illi ma jirrikorru ebda waħda mill-istanzi elenkati fl-artikolu 22 (3) ta' l-Att XV ta' l-1993 u dan senjatament għall-opposizzjoni fuq imsemmija;

Illi di piu', *dato ma non concesso*, li l-opposizzjoni fuq imsemmija saret fit-termini ta' l-artikolu fuq imsemmi, il-Kummissjoni ma ddeliberatx u ma ddeċiditx mhux aktar tard minn

jum wara li skadiet il-ġurnata ffissata għad-dħul ta' l-opposizzjoni dwar il-validita` ta' *dik l-opposizzjoni* u ċjoe` kellha tagħmel dan sas-7 ta' Frar, 1996, ħaġa li fil-fatt m'għamlitx peress li l-istess Kummissjoni għarrfet lill-esponent li kienet ser tiddelibera wara li tingħata d-*deċiżjoni ta' l-Uffiċjal Reviżur u ċjoe` fit-8 ta' Frar, 1996*;

Illi għalhekk huwa manifest li kemm l-opposizzjoni u/jew id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar in-nomina ta' l-esponent mhijiex valida u hija nulla fil-liġi;

Illi l-intimati eċċepew is-segwenti:

*Omissis*;

Illi b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ddatata 27 ta' Frar, 1996, it-talbiet attriċi f'*dik il-kawża* ġew *miċħuda bl-ispejjeż fiċ-*ċirkostanzi bin-nofs bejn il-kontendenti;

Illi f'dik il-kawża dik il-Qorti kkonstatat li l-Kummissjunarji ma ddeċidewx skond l-artikolu 22 (5) tat-Tielet Skeda annessa ma' l-Att XV ta' l-1993 u dan senjatament għall-opposizzjoni li kienet saret minn Dr. Victor Scerri għan-nom tal-Partit Nazzjonalista għan-nomina bħala kandidat għall-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali ta' Penbroke, liema elezzjonijiet ser jinżammu fid-9 ta' Marzu, 1996 u dan kif ser jiġi ukoll dettaljatament spejgat fil-kors ta' dan l-appell;

Illi cio` nonostante dan, dik il-Qorti flok applikat l-estremi riġidissimi ta' l-artikolu 22 (5) fuq imsemmi għażlet li ma tilqax it-talbiet attriċi ta' l-appellant f'dik il-kawża u dan b'applikazzjoni żbaljata ta' l-artikolu 12 (i) tat-Tielet Skeda fuq imsemmija li

*jiddisponi li "ebda persuna ma tista' tikkontesta elezzjoni bħala* membru ta' kunsill jew tibqa' membru tiegħu jekk tkun skwalifikata milli tkun membru tal-Kunsill b'dan l-Att jew taħt jew b'xi liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien f'Malta";

Illi bir-rispett kollu lejn dik id-deċiżjoni l-liġi li kellha tiġi applikata fiċ-ċirkostanzi hija dik dettata mill-artikolu 22 (5) u mhux mill-artikolu 12 (i) tat-Tielet Skeda ta' l-Att XV ta' l-1996;

Illi għalhekk hemm lok ta' ritrattazzjoni a bażi ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta peress li kien hemm *applikazzjoni ħażina tal-liġi*";

Għaldaqstant fil-waqt li pproduċa garanzija biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż, għar-raġunijiet fuq premessi, talab lil dina l-Qorti tħassar is-sentenza suddetta u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża u dan billi jiġi ddikjarat li l-artikolu li kellu jiġi applikat huwa dak 22 (5) u mhux 12 tat-Tielet Skeda ta' l-Att XV ta' l-1996 u dan billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Rat ir-risposta ta' l-istess Carmel Portelli *et nomine* li biha huma esponew:

"Fl-ewwel lok u in linea preliminari li l-garanti mhux idoneu skond il-liġi; l-esponenti jirrilevaw li l-malliverija ma ġietx lilhom notifikata u għalhekk huma qegħdin jagħmlu dina l-opposizzjoni;

Fit-tieni lok, illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni mhuwiex possibbli fil-każ ta' sentenza bħal dik *de quo*, li l-proċedura dwarha hija speċifikatament ikkontemplata fid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar

il-Kunsilli Lokali 1993;

Fit-tielet lok, illi ma jeżisti l-ebda żball fl-applikazzjoni tal-liġi u dak li jilmenta minnu r-rikorrenti huwa l-interpretazzjoni ta' l-istess liġi minn dina l-Onorabbli Qorti li apparentement l-istess rikorrenti ma jaqbilx magħha. Tali differenza ta' ideat dwar l-interpretazzjoni tal-liġi ma tagħtix lok għal ritrattazjoni";

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat:

Ikkonsidrat:

Illi t-talba odjerna għar-ritrattazzjoni tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament komposta, hija bbażata fuq il-motiv li s-sentenza impunjata applikat il-liġi ħażin a bażi ta' dak li jiddisponi l-artikolu 811 (e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), liema paragrafu (e) jinqara hekk:

"(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin:

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni";

Il-ġurisprudenza tagħna kostantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga għall-prinċipju fondamentali li l-ġudikat

jikkostitwixxi liġi bejn il-kontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-ġudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-ġustizzja. Il-ġuristi Rumani kienu jesprimu dan il-konċett bil-massima *res judicata pro veritate habetur.* Dan il-prinċipju ġie spjegat tant tajjeb fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' April, 1922 fil-kawża fl-ismijiet **Giuseppe Luigi Bonnici *versus* Dottor Carlo Galea Naudi** (Koll. Vol. XXV - I - 137) u ċċitata reċentement b'approvazzjoni minn din *il-Qorti fis-sentenza* mogħtija minnha fl-20 ta' Frar tas-sena korrenti fil-kawża fl-ismijiet **Dottor Austin Bencini *nomine vs* Dottor Remigio Zammit Pace**:

"*qui pero` si e` in tema di ritrattazione, e tale rimedio non si da` per qualunque caso di vera o sopposta ingiustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassattivamente stabiliti dalla legge dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita del giudicato che sola puo` mettere fine alle liti, poiche` l'autorita` della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile*";

Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Koll. Vol. XXVII - I- 818). Diversament, taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerġa' jiftaħ il-kawża, u hekk, indirettament joħloq għalih tribunal tat-tielet istanza (Koll. Vol. XLIII - I - 227) ħaġa li mhix permess mil-liġi;

Fuq il-paragrafu (e) iċċitat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Ġunju, 1994, fil-kawża fl-ismijiet **Reginald Micallef *et nomine vs* Godwin Abela *et nomine*** ġie osservat:

"Illi biex jiġi deċiż kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu valutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-liġi flok disposizzjoni oħra li kellha proprjament tiġi applikata. Jekk jirriżulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ, xorta waħda ma hemmx lok għal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinċiż (e) nonostante li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti lil dik il-liġi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-liġi l-ħażina għall-każ, u mhux li applikat il-liġi t-tajba b'mod ħażin";

Stabbiliti dawn il-prinċipji ta' indoli ġenerali li jirregolaw l-istitut tar-ritrattazzjoni u qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra t-talba, hija sejra tikkunsidra l-preġudizzjali ssollevati mill-intimati;

L-ewwel waħda, dwar il-malliverija, mhix fondata billi fl-1 ta' Marzu, r-ritrattant ikkawtela l-ispejjeż permezz ta' depositu skond il-liġi;

It-tieni preġudizzjali hija fis-sens li r-rimedju tar-ritrattazjoni mhux possibbli fil-każ tas-sentenza *de quo* billi l-proċedura dwarha hija speċifikatament ikkontemplata fid-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali;

Ikkunsidrat dwar din il-preġudizzjali li l-intimati issottomettew li a tenur tal-paragrafu (5) tar-Regolament 22 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ġie ċċitat meta issir opposizzjoni għan-nomina

ta' kandidat għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kummissjonarji Elettorali jilqgħu l-opposizzjoni għal tali nomina, jista' jsir appell minn dik id-deċiżjoni lil din il-Qorti b'ċitazzjoni ippreżentata b'kontestazzjoni mil-Kummissjonarji mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara li l-Kummissjoni tkun waslet id-deċiżjoni tagħha lill-kandidati u l-Qorti ta' l-Appell għandha titratta dik iċ-ċitazzjoni bl-ikbar ħeffa. L-intimati qed jargumentaw li in vista tad-disposizzjoni ċċitata mhux konċepibbli li l-leġislatur, meta impona li l-kawża tiġi ttrattata bl-ikbar ħeffa, ried li s-sentenza tkun soġġetta għar-rimedji ta' ritrattazjoni, meta t-talba għar-ritrattazzjoni tista' ssir fi żmien tliet xhur (ara artikolu 818 tal-Kap. 12);

Il-Qorti hija tal-fehma li dan l-argument ta' l-intimati mhux validu għal żewġ raġunijiet. Il-fatt li l-leġislatur impona li l-kawża tiġi "ttrattata bl-ikbar ħeffa" m'għandux jiġi interpretat li jeskludi r-rimedju ta' ritrattazzjoni għax jeżistu disposizzjonijiet oħra fejn il-kawżi jridu jinstemgħu b'ħeffa u huma soġġetti ukoll għar-rimedju tar-ritrattazzjoni. Del resto kieku l-leġislatur ried li jeskludi r-rimedju ta' ritrattazzjoni seta' jagħmel dan in omaġġ għall-prinċipju ta' *ubi lex voluit dixit*. Għalkemm, kif ġa` ġie rrilevat, ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju, m'għandux jitqies li mhux disponibbli meta t-talba tkun waħda li tinkwadra ruħha fil-każijiet tassattivament stabbiliti mil-liġi. It-talba preżenti saret fuq allegazzjoni li tinkwadra ruħha fuq waħda mir-raġunijiet għar-ritrattazzjoni kkontemplata mil-liġi. Għar-rigward tal-konsiderazzjoni li t-talba għar-ritrattazzjoni tista' ssir fi żmien tliet xhur jiġi rrilevat li a tenur ta' l-artikolu 823 (1) tal-Kap. 12 it-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzjoni tas-sentenza attakkata. Huwa minnu li dak l-artikolu jipprevedi l-possibilita` li l-Qorti takkorda talba għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza meta

jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja. Jiġi nnotat illi fil-kawża odjerna lanqas biss ma saret talba għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata. pero' anke kieku kellha ssir, il-Qorti għandha diskrezzjoni tilqax it-talba jew le u dik id-diskrezzjoni trid tiġi eżerċitata wara li tivvaluta l-preġudizzju li tali sospensjoni jkollha għall-partijiet, u għalhekk, l-interessi tal-partijiet huma salvagwardati tajjeb;

Niġu issa għall-meritu tat-talba. Ir-rikorrenti qed jibbaża t-talba tiegħu fuq il-motiv li l-Qorti, wara li kkonstatat li l-Kummissjonarji ma ddeċidewx skond ir-Regolament 22 (5) tat-Tielet Skeda annessa ma' l-Att XV ta' l-1993 flok applikat l-estremi riġidissimi ta' dak ir-Regolament iċċitat għażlet li ma tilqax it-talbiet attriċi tar-rikorrent ritrattant u dan b'applikazzjoni żbaljata ta' l-artikolu 12 (1) fuq ċitat;

L-ilment tar-rikorrent hu li l-liġi li kellha tiġi applikata fiċ-ċirkostanzi hija dik dettata mir-Regolament 22 (5) u mhux mill-artikolu 12 (i) ta' l-Att XV ta' l-1993 u qed jitlob it-tħassir tas-sentenza attakkata u r-ritrattazjoni tal-kawża billi jiġi ddikjarat li d-disposizzjoni li kellha tiġi applikata kienet dik tar-Regolament 22 (5) u mhux dik ta' l-artikolu 12 (i) ta' l-Att ċitat u dan billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

It-talba qiegħda tiġi kkontestata mill-intimati li ssottomettew illi ma jeżisti l-ebda żball fl-applikazzjoni tal-liġi u dak li jilmenta minnu r-rikorrent huwa l-interpretazzjoni ta' l-istess liġi minn din il-Qorti li apparentement l-istess rikorrent ma jaqbilx magħha. Tali differenza ta' ideat dwar l-interpretazzjoni tal-liġi ma tagħtix lok

għal ritrattazzjoni;

It-teżi tar-rikorrent hija li filwaqt li l-artikolu 12 (i) ċitat jittratta dwar il-kwalifika tal-kunsillieri, ir-Regolament 22 (5) tat-Tielet Skeda jittratta dwar in-nomina ta' kandidati għall-elezzjoni tal-Kunsilli;

L-intimati rribadew li l-artikoli li fuqhom ir-rikorrent qed jibbaża l-każ tiegħu kollha ġew iċċitati fis-sentenza attakkata u għalhekk si tratta ta' interpretazzjoni li l-Qorti tat lil numru ta' artikoli u konsegwentement, m'hemmx lok ta' ritrattazzjoni billi din hija eskluża meta l-kwistjoni tkun dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi minn eżami tas-sentenza attakkata jirriżulta li l-Qorti eżaminat diversi artikoli tal-liġi rilevanti u tat l-interpretazzjoni tagħha fuqhom, fosthom fuq ir-Regolament 22 (5) tat-Tielet Skeda. Is-sentenza, wara li ċċensurat in-nuqqas tal-Kummissjoni li tikkonforma ruħha mad-dispost tar-regolament 3 (1) dwar il-mod li bih ġie estiż it-Terminu għaddiet biex tikkonkludi li: "billi l-Kummissjoni Elettorali kienet fid-dover li tirrifjuta li taċċetta n-nomina ta' l-appellant wara d-deċiżjoni ta' l-Uffiċjal Reviżur tat-8 u tad-9 ta' Frar, 1996, li hu ma kienx għadu residenti f'Pembroke għall-finijiet tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni għall-Kunsilli Lokali u billi allura kellu jitqies li ma kienx għadu rreġistrat bħala votant għal dik il-lokalita`, it-talbiet ta' l-attur appellant ma jistgħux jiġu milqugħa". Imbagħad żiedet tgħid illli: "Dan indipendentement mir-regolarita` o meno tal-konsiderazzjoni mill-istess Kummissjoni ta' l-opposizzjoni li saret minn terzi għan-nomina tiegħu";

Minn dan jirriżulta ċar li s-sentenza attakkata interpretat ir-regolament 22 (5) fis-sens li l-Kummissjoni Elettorali kellha d-dover li tirrifjuta li taċċetta n-nomina tar-rikorrent. Huwa minnu li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni u interpretat artikoli oħra u regolamenti ta' l-istess liġi li tirregola l-materja imma dan hu perfettament korrett fuq l-iskorta tal-massima *incivile est, nisi tota lege perspecta, iudicare vel respondere*. Huwa ovvju li l-interpretazzjoni ta' disposizzjoni ma tistax issir isolatament minn disposizzjonijiet oħra ta' l-istess liġi u kultant anke ta' liġijiet oħra;

Għalhekk billi fis-sentenza attakkata l-Qorti tat l-interpretazzjoni tagħha tal-liġi applikabbli u fuqha espressament tat id-deċiżjoni tagħha m'hemmx dik l-applikazzjoni ħażina tal-liġi prevista mill-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad it-talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża imsemmija fir-rikors bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.